MALTA

ATT Nru. XIV ta' l-1987

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT li jipprovdi sabiex l-Artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, isiru u jkunu eżegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta' Malta.

ACT No. XIV of 1987

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to make provision for the substantive Articles of the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms, to become and be enforceable as, part of the Law of Malta.

Naghti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

19 ta' Awissu, 1987

ATT Nru. XIV ta' l-1987

ATT li jipprovdi sabiex l-Artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, isiru u jkunu eżegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta' Malta.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Titolu fil-qosor.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra — Tifsir.

"Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad- Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru, 1950, u l-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet u l-Ħames Protokolli li hemm magħha ffirmati f'Pariġi fl-20 ta' Marzu, 1952, u fi Strasbourg fis-6 ta' Mejju, 1963, fis-6 ta' Mejju, 1963, u fl-20 ta' Jannar 1966, rispettivament;

"Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" tfisser dawk id-drittijiet u libertajiet elenkati fl-Artikoli minn 2 sa 18 (magħdudin) ta' l-Konvenzjoni u l-Artikoli minn 1 sa 3 (magħdudin) ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni liema Artikoli qegħdin jinġiebu fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

"liġi ordinarja" tfisser kull dokument li għandu s-saħħa ta' Liġi u kull regola ta' liġi mhux miktuba, minbarra l-Kostituzzjoni ta' Malta;

"persuna" tinkludi kull persuna fiżika, organizzazzjoni li ma tkunx governattiva, jew grupp ta' individwi.

3. (1) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali għandhom isiru, u jkunu eżegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta' Malta. Eżegwibbilità tal-Konvenzjoni.

(2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fondamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.

(3) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali għandhom ikunu eżegwibbli skond id-Dikjarazzjoni u Riżervi magħmulin mill-Gvern ta' Malta meta ġiet iffirmata il-Konvenzjoni fit-12 ta' Diċembru, 1966, liema Dikjarazzjoni u Konvenzjoni qegħdin jinġiebu fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(4) Il-Qorti Kostituzzjonali għandha b'żieda mal-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mill-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni, ikollha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċiedi l-appelli kollha magħmula taħt dan l-Att u li teżerċita dawk is-setgħat mogħtija b'dan l-Att.

Proċedura għall-eżekuzzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.

4. (1) Kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista' bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.

(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ghandha jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:

Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi ordinarja oħra.

(3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-deċiżjoni.

(4) Kull parti fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skond dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

(5) Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skond dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja.

(6) Ir-Regolamenti tal-Qorti magħmula skond is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni kif minn żmien għal żmien fis-seħħ, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* dwar il-prattika u proċedura tal-qrati għall-finijiet ta' dan l-artikolu daqs li kieku l-proċedimenti magħmulin taħt dan l-artikolu kienu proċedimenti magħmulin taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

(7) Meta jiġi allegat illi xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) tal-Kostituzzjoni ġie, ikun qed jiġi jew x'aktarx ser jiġi miksur, it-talba għar-rimedju jew ir-riferenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u dan l-artikolu, tista' ssir fl-istess rikors jew riferenza.

(8) Meta rikors għal rimedju jew riferenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili magħmula wara t-30 ta' April, 1987 tkun magħmula biss jew taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew taħt dan l-artikolu u tkun għadha pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti tista' teżamina jekk il-fatti allegati jkunux jew le, jivvjolaw id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali li jikkorrispondu għalihom fl-ewwel każ, jew id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Individwu eżegwibbli taħt il-Kostituzzjoni, fit-tieni każ; u jekk il-qorti hekk issib tkun tista' tagħti r-rimedju li jidhrilha xieraq skond il-każ taħt waħda mil-liġijiet imsemmija.

Dritt ta Petizzjoni Individwali.

5. L-ebda persuna ma għandha tiġi mfixxkla fl-eżerċizzju tad-dritt tagħha li tagħmel petizzjoni lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Ewropa skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni u ta' l-Artikoli kollha ta' l-istess Konvenzjoni li għandhom x'jaqsmu.

Eżegwibbilità tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

6. (1) Kull deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li għaliha tkun tapplika dikjarazzjoni magħmula mill-Gvern ta' Malta skond l-Artikolu 46 tal-Konvenzjoni, tista' tiġi eżegwita mill-Qorti Kostituzzjonali f'Malta, bl-istess mod bħal deċiżjonijiet mogħtija minn dik il-Qorti u jiġu eżegwiti minnha, b'rikors li jsir fil-Qorti Kostituzzjonali u notifikat lill-Avukat Ġenerali, li jkun fih talba li tiġi ordnata l-eżegwibbilità ta' dik id-deċiżjoni.

(2) Qabel ma l-Qorti Kostituzzjonali tiddeċiedi talba bħal dik, hija għandha teżamina jekk id-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jkun qed jintalab li tiġi eżegwita, hijiex waħda li għaliha tkun tapplika dikjarazzjoni bħal dik imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Il-Qorti Kostituzzjonali għandha tordna l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni kif imsemmi f'dan l-artikolu jekk tiddeċiedi li din id-deċiżjoni tkun waħda li għaliha tkun tapplika dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

Dispożizzjoni transitorja.

7. Ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali imwettaq qabel it-30 ta' April, 1987, ma għandu jagħti lok għat-teħid ta' azzjoni taħt l-artikolu 4 ta' dan l-Att.

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 2)

L-Artikoli 2 sa 18 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.

ARTIKOLU 2

(1) Id-dritt għall-ħajja ta' kulħadd għandu jiġi protett b'liġi. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-ħajja tiegħu intezjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti wara li jiġi misjub ħati ta' delitt li dwaru tkun provduta mil-liġi din il-piena.

(2) Il-privazzjoni tal-ħajja ma għandhiex titqies bħala magħmula bi ksur ta' dan l-Artikolu meta jirriżulta mill-użu ta' forza li ma jkunx aktar minn dak li jkun assolutament meħtieġ:

(a) fid-difiża ta' xi ħadd minn vjolenza illegali;

(b) sabiex jiġi effettwat arrest skond il-liġi jew tiġi evitata l-ħarba ta' xi ħadd detenut skond il-liġi;

(ċ) f'azzjoni meħuda skond il-liġi sabiex tiġi megħluba rewwixta jew insurrezzjoni.

ARTIKOLU 3

Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.

ARTIKOLU 4

(1) Ħadd ma għandu jinżamm fi skjavitù jew f'servitù.

(2) Ħadd ma għandu jkun imġiegħel jagħmel xogħol forzat jew obbligatorju.

(3) Għall-fini ta' dan l-Artikolu l-frażi "xogħol forzat jew obbligatorju" ma tinkludix:

(a) xogħol meħtieġ li jsir fil-kors ordinarju ta' detenzjoni imposta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' din il-Konvenzjoni jew waqt il-libertà kondizzjonata minn dik id-detenzjoni;

(b) servizz ta' karattru militari jew, f'każ ta' persuni oġġezzjonanti minħabba l-kuxjenza f'pajjiżi fejn huwa hekk rikonoxxut, servizz imġiegħel minflok servizz militari obbligatorju;

(ċ) servizz imġiegħel f'każ ta' emerġenza jew ta' kalamità li thedded il-ħajja jew il-ġid tal-komunità;

(d) xogħol jew servizz li jifforma parti mill-obbligi ċiviċi normali.

ARTIKOLU 5

(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna.

Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura preskritta bil-liġi:

(a) id-detenzjoni skond il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;

(b) l-arrest jew id-detenzjoni skond il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skond il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi;

(ċ) l-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;

(d) id-detenzjoni ta' minuri b'ordni skond il-liġi għall-iskop ta' sorveljanza edukattiva jew id-detenzjoni tiegħu skond il-liġi sabiex jiġi miġjub quddiem l-awtorità legali kompetenti;

(e) id-detenzjoni skond il-liġi ta' persuni biex jiġi evitat it-tixrid ta' mard infettiv, ta' persuni mhux f'sensihom, addetti għall-alkoħol jew għad-drogi jew vagabondi;

(f) l-arrest jew id-detenzjoni skond il-liġi ta' persuna biex jiġi evitat li tidħol mingħajr awtorità fil-pajjiż jew ta' persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għad-deportazzjoni jew għall-estradizzjoni.

(2) Kull min ikun arrestat għandu jiġi informat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet ta' l-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu.

(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 (ċ) ta' dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-

proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kondizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri.

(4) Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-liġi.

(5) Kull min ikun vittima ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens.

ARTIKOLU 6

(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.

(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi.

(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:

(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni ta' l-akkuża kontra tiegħu;

(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;

(ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;

(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kondizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;

(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.

ARTIKOLU 7

(1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li ma kenux jikkostitwixxu reat kriminali skond liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.

(2) Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena dwar xi ħadd għal xi att jew omissjoni li fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati.

ARTIKOLU 8

(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.

(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

ARTIKOLU 9

(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; dan id-dritt jinkludi l-libertà li jbiddel ir-reliġjon jew twemmin tiegħu u l-libertà, sew waħdu kemm ma' oħrajn u pubblikament jew privatament, li juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, fil-kult, tagħlim, prattika u osservanza.

(2) Il-libertà li wieħed juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu tkun suġġetta biss għal dawk il-limitazzjonijiet li jkunu preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà pubblika, għall-protezzjoni ta' l-ordni pubbliku, tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

ARTIKOLU 10

(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzi għax-xandir, televiżjoni jew impriżi ċinematografiċi.

(2) L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali jew sigurtà pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tar-riputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura.

ARTIKOLU 11

(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u għal-libertà ta' assoċjazzjoni ma' oħrajn, inkluż id-dritt li wieħed jifforma u jidħol fi *trade unions* għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu.

(2) Ma għandu jkun hemm ebda restrizzjonijiet fuq l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet ħlief dawk li jkunu preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali jew tas-sigurtà pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi l-imposizzjoni ta' restrizzjonijiet skond il-liġi fuq l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet minn membri tal-forzi armati, tal-pulizija jew ta' l-amministrazzjoni ta' l-Istat.

ARTIKOLU 12

L-irġiel u n-nisa ta' età ta' żwieġ għandhom id-dritt li jiżżewġu u li jkollhom familja, skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt.

ARTIKOLU 13

Kulmin ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għal-kemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.

ARTIKOLU 14

It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni minħabba s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor.

ARTIKOLU 15

(1) Fi żmien ta' gwerra jew ta' emerġenza oħra pubblika li thedded il-ħajja tan-nazzjon kull Parti Għolja Kontraenti tista' tieħu miżuri li jnaqqsu l-obbligi tagħha skond il-Konvenzjoni safejn ikun rigorożament meħtieġ mill-esiġenzi tas-sitwazzjoni, basta li dawk il-miżuri ma jkunux inkonsistenti ma' l-obbligi l-oħra tagħha skond il-liġi internazzjonali.

(2) Ma għandha ssir bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni ebda deroga mill-Artikolu 2 ħlief dwar mewtijiet li jirriżultaw minn atti leġittimi ta' gwerra, jew mill-Artikoli 3, 4 (paragrafu 1) u 7.

(3) Kull Parti Għolja Kontraenti li tagħmel użu minn dan id-dritt ta' deroga għandha tinforma b'kollox lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-miżuri li tkun ħadet u r-raġunijiet tagħhom. Għandha wkoll tinforma lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-miżuri li tkun ħadet u r-raġunijiet tagħhom. Għandha wkoll tinforma lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Ewropa meta dawk il-miżuri jkunu spiċċaw li joperaw u d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni jkunu qegħdin jerġgħu jiġu esegwiti kompletament.

ARTIKOLU 16

Ebda ħaġa li hemm fl-Artikoli 10, 11 u 14 ma għandha tittieħed li timpedixxi lill-Partijiet Għolja Kontraenti milli jimponu restrizzjonijiet fuq l-attività politika ta' stranġieri.

ARTIKOLU 17

Ebda ħaġa li hemm f'din il-Konvenzjoni ma għandha tiġi interpretata li xi Stat, grupp jew persuna għandha xi dritt li tidħol f'xi attività jew tagħmel xi att maħsub biex jeqred xi wieħed mid-drittijiet u mil-libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni jew biex tillimitahom aktar minn dak provdut fil-Konvenzjoni.

ARTIKOLU 18

Ir-restrizzjonijiet permessi skond din il-Konvenzjoni għall-imsemmija drittijiet u libertajiet ma għandhomx jiġu applikati għal xi skop ieħor ħlief dawk li għalihom huma jkunu ġew preskritti.

L-Artikoli minn 1 sa 3 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

ARTIKOLU 1

Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kondizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-dispożizzjonijet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jinforza dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.

ARTIKOLU 2

Ħadd ma għandu jiġi pprivat mid-dritt għall-edukazzjoni. Fl-eżerċizzju ta' kull funzjonijiet li jassumi dwar edukazzjoni u tagħlim, l-Istat għandu jirrispetta d-dritt tal-ġenituri li jiżguraw dik l-edukazzjoni u dak it-tagħlim in konformità mal-konvinzjonijiet tagħhom reliġjużi u filosofiċi.

ARTIKOLU 3

Il-Partijiet Għolja Kontraenti jobbligaw ruħhom li jżommu elezzjonijiet liberi f'intervalli xierqa b'votazzjoni sigrieta, taħt konsiderazzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera ta' l-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura.

IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 3)

DIKJARAZZJONI U RIŻERVI MAGĦMULIN MILL-GVERN TA' MALTA META ĠEW IFFIRMATI L-KONVENZJONI U L-PROTOKOLL (12 TA' DIĊEMBRU 1966)

1. Dikjarazzjoni ta' interpretazzjoni

Il-Gvern ta' Malta jiddikjara li qiegħed jinterpreta l- paragrafu 2 ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fis-sens illi ma tipprekludix xi liġi partikulari milli timponi fuq xi persuna akkużata taħt dik il-liġi l-piż tal-prova ta' fatti partikolari.

2. Il-Gvern ta' Malta, b'referenza għall-Artikolu 64 tal-Konvenzjoni, u xewqan li jevita kull inċertezza dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jiddikjara li l-Kostituzzjoni ta' Malta tippermetti li dawn ir-restrizzjonijiet jiġu imposti fuq uffiċjali pubbliċi dwar il-libertà ta' espressjoni tagħhom hekk kif ikunu raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika. Ir-regolamenti dwar il-kondotta ta' uffiċjali pubbliċi f'Malta tipprekludihom milli jieħdu parti attiva f'diskussjonijiet politiċi jew f'xi attività politika oħra matul ħinijiet tax-xogħol jew f'postijiet uffiċjali.

3. Il-Gvern ta' Malta, b'riferenza għal-Artikolu 64 tal-Konvenzjoni, jiddikjara li l-prinċipju ta' difiża leġittima ammess taħt is-subparagrafu (a) tal-paragrafu (2) ta' l-Artikolu 2 ta' l-Konvenzjoni għandu wkoll ikun japplika f'Malta għad-difiża tal-proprjetà sal-limitu meħtieġ bid-dispożizzjoniijiet tal-paragrafi(a) u (b) ta' l-Artikolu 238 ta' l-Kodiċi Kriminali ta' Malta, li t-test tiegħu, flimkien ma' t-test ta' l-artikolu 237 preċedenti,huwa dan li ġej:

"237. Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor."

"238. Jidħlu taħt il-każijiet ta' bżonn attwali tad-difiża leġittima, dawn li ġejjin:

(a) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jsiru fil-waqt li wieħed, bil-lejl, ikun qiegħed jirreżisti biex ma jħallix l-iskalata jew il-ksur ta' reċinti, ta' ħitan, jew ta' bibien li minnhom tidħol għal dar jew appartament abitat, jew ta' post li jagħmel magħhom, illi jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma' dik id-dar jew ma' dak l-appartament;

(b) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jsiru fil-waqt tad-difiża kontra persuna li tkun tagħmel serq bi vjolenza jew sakkeġġ bi vjolenza, jew li tittanta tagħmel dak is-serq jew sakkeġġ;

(ċ) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jkunu meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża tal-kastità ta' persuna nnifisha, jew ta' persuna oħra."

4. Il-Gvern ta' Malta, b'riferenza għall-Artikolu 64 tal-Konvenzjoni, jiddikjara li l-prinċipju affermat fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 2 tal-Protokoll qiegħed jiġi aċċettat minn Malta sakemm biss dan ikun kompatibbli mal-għoti ta' struzzjoni u taħriġ effiċjenti, u li tiġi evitata kull spiża pubblika irraġonevoli, b'riferenza għall-fatt li l-popolazzjoni ta' Malta hija fl-ikbar numru tagħha waħda Kattolika Rumana.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 21 tat-12 ta' Awissu, 1987.

JIMMY FARRUGIA
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.